MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 292/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Emmanuel Saviour Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Emmanuel Saviour Farrugia talli fil-21 ta’ Novembru 2004, u fil-granet ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta’ l-Ispettur Walter Spiteri, weggghu bi kliem jew b’xi mod iehor;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta’ Ottubru 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Emanuel Saviour Farrugia hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu ghall-hlas ta’ multa ta' tletin liri Maltin (Lm30);

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Emmanuel Saviour Farrugia pprezentat fil-25 ta’ Ottubru 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u tilliberah minn kull htija w piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi mill-gdid;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) in-nullita` tal-proceduri stante li ma gietx ipprezentata l-kwerela tal-parti aggravata; (2) minghajr pregudizzju, in-nullita` tal-proceduri stante li meta kien qieghed jixhed l-Ispettur Walter Spiteri, il-kaz ma kienx qieghed jitmexxa minn ufficjal prosekutur; (3) l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti.

Dwar l-ewwel aggravju l-appellant jirreferi ghall-artikolu 255 tal-Kodici Kriminali. Dan l-artikolu jghid biss: **“Ghall-ingurja ma jittiehed ebda procediment jekk mhux bil-kwerela tal-parti offiza”**. Il-kwerela bil-miktub normalment tigi pprezentata bhala prova li tkun saret tali kwerela. Galadarba f’dan il-kaz l-Ispettur Walter Spiteri (cioe` il-parti offiza) tela’ jixhed dwar ic-cirkostanzi li wassluh biex jittiehdu dawn il-proceduri, huwa gie li kkonferma l-kwerela tieghu. Ghalhekk l-ewwel aggravju huwa michud.

It-tieni aggravju huwa ghal kollox frivolu u qieghed jigi respint.

It-tielet aggravju jirrikjedi apprezzamernt mill-gdid tal-fatti u kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi

maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].
Din il-Qorti, wara li semghet mill-gdid il-provi kollha mismugha mill-ewwel Qorti, issib li dik il-Qorti fil-fatt setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni ta’ htija dwar l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant u, frankament, ma tarax kif setghet tikkonkludi mod iehor.

Filwaqt illi l-att ta’ persuna li toffri birra lil ufficjal tal-pulizija meta jkun *fuori servizio* hu fih innifsu att innokwu, l-allegazzjoni li sehh tali att – li l-Ispettur Walter Spiteri xehed li lanqas seta’ gara peress illi huwa kien qieghed id-dar fil-hin li allegatament gara dak li allega l-appellant – fic-cirkostanzi li l-appellant jghid li sehhew, huwa certament ingurjuz. Il-persuna li allegatament tat il-birra lill-Ispettur (Joseph Galea) kienet persuna li huwa kien investiga u dan kien wara incident li fih kien involut persuna ohra (Clayton Polidano) li huwa kien ukoll investiga. B’rizultat ta’ tali allegazzjoni, id-dirigenti tal-kazin tal-Banda San Leonardu ta’ Hal-Kirkop spiccaw irrabjati ghalih u lanqas riedu jkellmuh ghax haduha li kien

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

qieghed japprova l-agir ta’ dawn il-persuni u li l-Ispettur kien qieghed b’xi mod jassocja maghhom. Fil-fatt Joseph Galea xehed f’dawn il-proceduri u stqarr li huwa ghandu kazijiet li qieghed imexxihom l-Ispettur Spiteri u li qatt ma newwillu xi flixkun birra, xejn.

L-appellant jghid fir-rikors ta’ appell tieghu illi dak li ra rah fid-19 ta’ Novembru 2005 u ghalhekk ma jistax jinstab hati tal-granet ta’ wara. Din il-Qorti ma taqbilx peress illi anke meta l-appellant ghamel l-istqarrija tieghu fil-21 ta’ Novembru 2005 rega’ ghamel l-istess allegazzjoni. Ghalhekk l-imputazzjoni tirrizulta hekk kif dedotta.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------